MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tat-22 ta' Gunju, 2015

Citazzjoni Numru. 352/2015

**Banif Bank (Malta) plc (C41030)**

**vs.**

**RSM Glass Constructions Holding Ltd (C47108)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf li ġie ppreżentat fis-17 ta’ April, 2015 mill-kumpannija attriċi **Banif Bank (Malta) plc (C41030)** (minn issa ‘il quddiem il-kumpannija attriċi) u li ġie kkonfermat bil-ġurament minn Vanessa Buttigieg (85972M) kif debitament awtorizzata, li permezz tiegħu ippremettiet u għamlet is-segwenti talbiet:

1. *Illi l-kumpannija attriċi hi bank kummerċjali liċenzjat taħt il-Liġijiet ta’ Malta biex fost l-oħrajn issellef flus lill-klijenti tagħha;*

2. *Illi l-kumpannija konvenuta hija klijent tal-kumpannija attriċi u ħadet minn għandha self biex tiffinanzja l-akkwist tal-fond “Villa Fleur” fi Triq il-Militar, il-Madliena;*

3. *Illi s-self kien jikkonsisti f’Business Loan ta’ ħames mija u sittin elf Euro (€560,000) li ngħatat ai termini ta’ Credit Agreement datat disgħa (9) ta’ Novembru tas-sena elfejn u għaxra (2010) (ara Dok. ‘A’) u Kuntratt datat sbatax (17) ta’ Frar tas-sena elfejn u ħdax (2011) magħmul fl-atti tan-Nutar Dr. Marco Burlò (ara Dok. ‘B’);*

4. *Illi l-kumpannija konvenuta naqset milli tħallas lura dan is-self u konsegwentement, il-bilanċ dovut mill-kumpannija konvenuta hu ta’ tliet mija, tlieta u sebgħin elef, ħames mija u erbatax-il Euro u ħmistax-il ċenteżmu (€373,514.15). Dan l-ammont jinkludi imgħaxijiet ta’ elf, sitt mija u ħamsa u erbgħin Euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€1,645.54), kif kalkulat sas-6 ta’ Marzu, 2015 u jikkonċerna Loan Account numru 138231.71.001 (ara Dok. ‘Ċ’);*

5. *Illi l-ammont fuq imsemmi sar dovut fl-intier tiegħu mill-kumpannija konvenuta lill-kumpannija attriċi ai termini*

*t'artikolu 11(o) tal-Credit Agreement ġjà ċitat u dan għax kif jistipula dan l-istess Artikolu, seħħew waħda jew aktar mill-events of default imsemmijin f'dan il-Credit Agreement, partikolarment iżda mhux esklussivament:*

*"a. Default by the Borrower/s in the payment of any amount of principal, interest, fees, charges due for payment in the manner stipulated in the agreement regulating the Facility,*

*b. The Borrower/s committing any other breach of or omitting to observe any other of the obligations and undertakings as expressed to be assumed by it in the agreement regulating the Facility,*

*n. Any other event which in the Bank's reasonable opinion gives ground for belief that the Borrower/s may not perform all or any of the obligation/s under or otherwise comply with the terms of the agreement regulating the Facility";*

6. *Illi l-kumpannija attriċi ttentat tinterpella lill-kumpannija konvenuta diversi drabi biex tħallasha d-dejn, fosthom permess t'ittri legali datati sebgħa (7) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnax (2012) (ara Dok. 'D'), tmienja u għoxrin (28) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnax (2012) (ara Dok. 'E'), erbgħa (4) ta' Ottubru tas-sena elfejn u tnax (2012) (ara Dok. 'F') u ħmistax (15) ta' Jannar tas-sena elfejn u tlettax (2013) (ara Dok. 'G'), u ittra uffiċjali numru wieħed tnejn erbgħa wieħed sbarra tnejn zero wieħed erbgħa (1241/2014) datata tnejn u għoxrin (22) t'April tas-sena elfejn u erbatax (2014) (ara Dok. 'H'), iżda din baqgħet inadempjenti;*

7. *Illi l-kreditu tal-kumpannija attriċi huwa ċert, likwidu u dovut u l-kumpannija konvenuta m'għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti f'dan ir-rigward kontra t-talbiet tal-kumpannija attriċi;*

8. *Illi għalhekk jeżistu l-elementi kollha rikjesti mil-Liġi a tenur tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant u għar-raġunijiet fuq premessi, il-kumpannija attriċi titlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Taqta' u tiddeċiedi dina l-kawża bid-dispensa tas-smigħ, ai termini tal-Artikolu 167 et sequitur tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
2. *Tiddikjara li l-kumpannija konvenuta saret debitriċi tal-kumpannija attriċi fl-ammont komplessiv ta' €373,514.15; u*
3. *Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta tħallas lill-kumpannija attriċi l-ammont komplessiv ta' €373,514.15;*

*Bl-ispejjeż, bank charges u fees u bl-imgħaxijiet mis-6 ta' Marzu, 2015 sad-data tal-pagament effettiv u dan kollu ai termini tal-istess Credit Agreement fuq imsemmi u markat Dok. 'A'. L-imgħaxijiet qed jintalbu bir-rata ta' disgħa punt tnejn ħamsa fil-mija (9.25%) fis-sena (ara marker bl-aħdar fuq Dok. 'A').*

*Il-kumpannija konvenuta hija minn issa nġunta għas-subizzjoni u dan b'riżerva għal kull dritt ieħor spettanti lill-kumpannija attriċi fil-konfront tal-istess kumpannija konvenuta.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Mejju, 2015 fejn ġiet ippreżentata u moqrija nota konġunta tal-partijiet li tinkludi l-ammissjoni tal-kumpannija konvenuta **RSM Glass Constructions Holding Limited (C47108)** (minn issa 'l quddiem il-kumpannija konvenuta) tal-mertu u tal-ispejjeż tal-kawża soġġetta għat-termini u l-kundizzjonijiet indikati fl-istess nota li magħhom qablet is-soċjetà attriċi. Il-partijiet qablu u ftehmu dwar is-segwenti:

*Il-kumpannija konvenuta tammetti t-talbiet kollha tal-kumpannija attriċi kif dedotti fir-rikors promotur, b'dan però li l-istess kumpannija attriċi ma teżegwix it-titolu miksub minnha in virtù tal-ammissjoni, fil-każ li jiġu sodisfatti s-segwenti tlett kundizzjonijiet:*

*1. Il-kumpannija konvenuta għandha minnufih tħallas lill-kumpannija attriċi l-arretrati kollha dovuti minnha, f'pagament wieħed ta' darba, liema arretrati jammontaw għal tmienja u sittin elf, tmien mija u ħamsin Euro u ħmistax -il ċenteżmu (€68,850.15) u jkopru l-perijodu bejn is-17 ta' Ottubu, 2014 u t-13 ta' Mejju, 2015.*

*2. Il-kumpannija konvenuta għandha minnufih tħallas lill-kumpannija attriċi l-ispejjeż kollha inkorsi minn din tal-aħħar kwantu għall-proċeduri legali mibdija minnha kontra l-istess kumpannija konvenuta sabiex titħallas lura l-ammonti dovuti, liema spejjeż jinkludu d-drittijiet u t-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, u dan kollu skont it-taxxa uffiċjali tal-Qorti li għad trid tinħareġ.*

*3. Il-kumpannija konvenuta tibqa' tħallas lill-kumpannija attriċi l-ammont ta' tmint elef, tlett mija u disgħa u tmenin Euro u*

*erbgħa u sittin ċenteżmu (€8,389.64), puntwalment fis-17-il jum ta' kull xahar, mid-data tas-sentenza 'il quddiem sa Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019), ossija sabiex jitħallas id-dejn kollu hekk kif kien stipulat preċedentement bejn il-partijiet. Bil-kliem 'puntwalment fis-17 -il jum ta' kull xahar' qed jiġi mfisser li flus jaslu f'idejn il-kumpannija attriċi proprju f'dak il-jum.*

*F'każ li xi waħda mit-tliet kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq ma jiġux sodisfatti jew inkella sseħħ xi event of default minn fost dawk imsemmijin f'Dok. 'A' anness mar-rikors promotur, is-sentenza miksuba mill-kumpannija attriċi in virtù tal-ammissjoni fuq imsemmija, issir waħda eżekuttiva u inkundizzjonata minnufih. Id-deċiżjoni dwar jekk ikunux ġew sodisfatti l-imsemmija kundizzjonijiet, jew inkella jkunx seħħ xi event of default, hi fid-diskrezzjoni assoluta tal-kumpannija attriċi u l-kumpannija konventa tintrabat li ma toġġezzjonax.*

Semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet li rrimettew ruħhom għall-atti tal-kawża u qablu li l-kawża titħalla għas-sentenza.

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Mejju, 2015 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza għas-seduta tat-22 ta' Ġunju, 2015.

**Ikkunsidrat:**

Rat li fis-seduta tat-13 ta' Mejju, 2015 is-soċjetà konvenuta ppreżentat nota ta' ammissjoni li permezz tagħha Il-kumpannija konvenuta ammettiet it-talbiet kollha tal-kumpannija attriċi kif dedotti fir-Rikors Maħluf, b'dan iżda li l-kumpannija attriċi qablet li ma teżegwix it-titolu li se jiġi miksub minnha in virtù tal-ammissjoni, fil-każ li jiġu sodisfatti it-tlett kundizzjonijiet elenkati fin-nota konġunta tal-partijiet ippreżentata fit-13 ta' Mejju, 2015.

Billi fuq ammissjoni tas-soċjetà konvenuta, it-talbiet dedotti fir-Rikors Maħluf jirriżultaw ippruvati.

**<u>Decide</u>**

**Il-Qorti għalhekk taqta' u tiddeċidi billi:**

1) **Tilqa' l-ewwel talba tal-kumpannija attriċi u taqta' l-kawża ai termini tal-Artikolu 167 et seq. tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;**
2) **Tiddikjara li l-kumpannija konvenuta RSM Glass Constructions Holding Limited (C47108) saret debitriċi tal-kumpannija attriċi Banif Bank (Malta) plc (C41030) fl-ammont komplessiv ta' tliet mija, tlieta u sebgħin elef, ħames mija u erbatax-il Euro u ħmistax-il ċenteżmu (€373,514.15);**

3) **Tikkundanna lill-kumpannija konvenuta RSM Glass Constructions Holding Limited (C47108) sabiex tħallas lill-kumpannija attriċi Banif Bank (Malta) plc (C41030) is-somma ta' tliet mija, tlieta u sebgħin elef, ħames mija u erbatax-il Euro u ħmistax-il ċenteżmu (€373,514.15) bil-modalitajiet u skont it-termini u l-kundizzjonijiet tal-ftehim milħuq mill-partijiet fit-13 ta' Mejju, 2015 u li jinsab esebit a fol. 43 u 44 tal-proċess.**

**Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali mis-6 ta' Marzu, 2015 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-kumpannija konvenuta.**

Moqrija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------